MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30**

**It-Tnejn, 8 ta' Frar, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Dr. Sandro Camilleri | Supretindent – Distrett Ħamrun |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

F'din il-laqgħa kien hemm żewġ ittri ta' appoloġiji fejn is-Sindku informa lill-membri lis-Sur Gianluca Falzon u s-Sa Courtney Farrugia kienu indisposti għat-30 Laqgħa tal-Kunsill.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 30.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tas-27 laqgħa ġew approvati mis-Sidku Stephen Sultana, Is-Sur Silvio Vella, Is-Sur Kursten Dimech u s-Sur Joseph Vella filwaqt li Dott. Carabott ivvota kontra.

Minuti tat-28 Laqgħa ġew approvati mis-Sindku Stephen Sultana, Is-Sur Silvio Vella, Is-Sur Kursten Dimech u s-Sur Joseph Vella filwaqt li Dott. Carabott ivvota kontra.

Minuti tad-29 Laqgħa ġew approvati unanimament

## 30.2.2 Korrezzjonijiet

30.2.2.1 – Taħt "Uffiċċjal Preżenti", jiżdied il-kunjom Scerri wara l-isem Jeremy
30.2.2.2 - Minuta 27.5.6 il-kelma "Ambjen" issir "Ambjent"
30.2.2.3 – Minuta 27.5.10 wara il-kelma pompa tiżdied il-frażi "fil-Ġnien Romeo Romano"
30.2.2.4 - Minuta 28.5.4 il-kelma "sabeix" issir "sabiex"

## 30.3 Punti mqajjma mill-minuti

**30.3.1** Minuta 27.4.1 - Is-Sindku informa lill-membri li wara t-talba li kienet saret mill-*Community Police* sabiex il-Kunsill jixtri scooters elettriċi l-Kunsill bagħat għal tlett kwotazzjonijiet.

**30.3.2** Minuta 27.5.8 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-kampanja *Water- Be the change* li kellhom jiġu Santa Venera mill-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021 sal-Ħadd 24 ta'Jannar 2021 f'Misraħ il-Kebbies biddlu d-data minħabba loġistika u għaldaqstant infrumaw lill-Kunsill li ġejjin f'Marzu.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jiġi diskussa punti 30.6.1.

Il-Membri qablu unanimament.

## 30.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ:

### 30.6.1 Żjara ta' kortesija - Supretindent Camilleri

Is-Sindku informa lill-membri li għal din il-laqgħa kellu talba mingħand is-Supritendent Camilleri sabiex waqt il-laqgħa tal-Kunsill ikun preżenti sabiex ikun jista' jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill. Dr Camilleri ntroduċa ruħu u tkellem ukoll fuq il-problemi li qed jaffaccja kemm f'Santa Venera u kif ukoll fuq iż-żoni li jaqgħu taħt il-ħarsien tiegħu. Wara diskussjoni s-Supretindent informa lill-membri sabiex meta jkun hemm problemi jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt miegħu dirett sabiex b'hekk ikun jista' jintervjeni minnufih.

## Titkomla 30.3 Punti mqajjma mill-minuti

**30.2.3 Laqgħa 28 -** Minuta 28.11 - Dott Carabott staqsa lis-Sindku kien hemm xi żviluppi dwar il-mozzjoni dwar il-parkeġġ. Is-Sindku informa lill-membri li d-diskussjonijiet m'entitajiet differenti għadhom għaddejin.

**30.2.4.Laqgħa 29** - Is-Sindku nforma lill-membri li l-oġġezzjonijiet fuq l-proposti fuq is-*Central Local Plan* ġew ippreżentati.

## 30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**30.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li ħarġu l-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-Latrina Pubblika li ser issir fi Ġnien Romeo Romano liema permess huwa validu għal ħames snin. Il-proċess li jmiss hu li tinħareġ tender sabiex b'hekk wara jkunu jista' jiskatta l-proċess tal-bini tal-istess latrina.

**30.4.2** Is-Sindku informa lill-membri x-xogħol fi Triq il-Brunżar rega' skatta. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol ikompli jekk it-temp ikun jippermetti apparti li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol qed isib il-problemi peress li diversi vetturi qed jipparkjaw fejn qed isir ix-xogħol avolja qed ikun hemm tabelli sabiex il-karozzi ma jipparkjawx.

**30.4.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar it-Turetta fejn l-Awtoritajiet infurmaw lill-Kunsill li din hija propjeta privata xi ħaġa li l-Kunsill Lokali qed jikkontesta. Sadanittant, ser jibqgħu għaddejjin it-trattativi sabiex l-aċċess jerġa jinfetaħ.

**30.4.4** Is-Sindku infrma wkoll lill-membri fuq il-proġett tal-Palazz l-Aħmar fejn suppost ix-xogħol tlesta sal-aħħar ta' Jannar imma għal darb'oħra dan ix-xogħol baqa ma tlestiex. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jerga' jkellem lill-Avukat għal passi li jmiss.

### 30.5 Rapporti / Korrispondenza

**30.5.1**Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu installati *charging pillars* fi Triq il-Ħarrub. Wara diskusskoni l-membri qablu sabiex dawn isiru fejn kien diga' ġie propost fi Triq il-Ferrovija quddiem il-MITA u kien applikazzjoni oħra għal Triq il-Kanun.

Il-Membri qablu unanimament

**30.5.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza sabiex nhar is-Sibt 20 ta' Frar issir Mixja 2021 fi ġnien Romeo Romano fejn din ser tkun abbinata mal-Festi tal-Gimgħa l-Kbira li ser tintwera b'mod virtwali f'dawn iż-żminijiet,

Il-Membri qablu unanimament

**30.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-camera li hemm fi Triq il-Kbira ħdejn ir-residenza tal-eks Sindku, is-Sur Michael Caruana liema camera mhix responsabbilta' tal-Kunsill Lokali iżda tal-LESA. Is-Sindku qal li din kienet twaħħlet snin ilu minħabba abbuz li kien qed ikun hemm fis-sewqan u ipparkjar irregolari ta' vetturi li kienet waslet lill-Lesa sabiex jinstallaw din il-camera. Żied jgħid li kien għamel ukoll attentat mal-LESA sabiex il-ħin li wieħed jieqaf sabiex tinħatt xirja ikun wieħed raġonevoli.

**30.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza fejn is-CPD iridu japplikaw sabiex fi Triq il-Knun quddiem in-niċċa ssir loading/unloading bay ta' 12 -il metru 24/7.

Wara diskussjoni il-membri qablu li għal din it-talba mhux ġustifikata u għaldaqstant għandha issir kaxxa safra kif kienet qabel quddiem in-niċċa.

**30.5.5** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand Graziella Anastasi, s-supervisor ta'Ċentru ta' matul il-Jum, fejn f'isem l-anzjani qed titlob l-ghajnuna sabiex il-Kunsill jixtri materjal materjal għall-crafts li qed isir minn żmien għall-żmien ġewwa ċ-ċentru.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan il-mterjal fejn l-ispiża m'għandiex tkun aktar minn €100.

**30.5.6** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ERA li ser issir *Air Quality Plan* fejn dan il-pjan ser jinkludi mizuri li ser ikunu konċentrati u jilħqu ż-żoni tat-Tramuntana u in-nofsinhar ta' Malta. Huma qed jitolbu il-kummenti u l-objettivi tal-Kunsill.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex dan il-pjan ikun iffukat fuq Triq il-Ferrovija, Triq il-Kappillan Mifsud, Triq Reġjonali, Triq il-Kanun and Triq il-Kbira San Ġużepp minħabba l-fatt li dawn huma toroq arterjali u li huma traffikużi l-ġurnata kollha u għaldaqstant il-kwalita' tal-arja hija ħażina.

**30.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva kmmunikat mingħand id-Dipartiment tas-Sand u Akwakultura flimkien mad-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Pjanti sabiex jaraw liema huma dawk il-Kunsilli li huma nteressati sabiex jitħawlu siġar tal-palm fil-lokalitajiet sabiex l-istess weraq tal-Palm ikunu jistgħu jiġu użati mins-sajjieda għall-kannizzati fl-istaġun tal-lampuki.

Wara diskussjoni l-membri qablu fuq din l-inizjattiva u ddecidew sabiex jitħawlu siġar tal-palm fi Triq il-Kanun.

**30.5.8** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mill-Ministeru (MECP) fejn għal sena oħra qiegħed jingħaqad ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour 60+*. L-Avveniment 60+ huwa moviment mad-dinja kollha tal-WWF biex iħeġġeg lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali. Bħala ġest simboliku, normalment l-avveniment jinkludi tifi ta' dwal bejn it-20.30 u d-21.30 ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi oħra.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex tintefa il-faccata tal-Kunsill. nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021 bejn it-20.30 u d-21.30.

**30.5.9** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali dwar il-proposta tal-grada tal-ħadid li ser isir madwar is-salib fi Triq Braille. Sabiex jagħtu l-awotrizzazjoni huma qed jipproponu tip ta' disinn ieħor.

Wara diskussjoni huma qablu b'mod unanimu ma dak li kien qed jiġi proponut.

**30.5.10** Is-Sindku ddiskuta mal-membri dwar it-triq li hemm bla isem f'Santa Venera Hamrun bypass. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din tingħata l-isem ta' Triq l-Isportivi Vendriżi.

Is-Sur Joe Vella ssuġġerixxa li din it-triq tista' wkoll tissemma' għal Triq Spiru Zammit filwaqt li Dott Carabott issuġġerixxa li t-triq tissemma' ghas-Sinjura Miriam Pace.

Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex dawn it-tlett ismijiet jitressqu quddiem il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq u deċiżjoni tittieħed minn naħa tagħhom.

**30.5.11** Is-Sindku informa lill-membri dwar l-iskema SPI.SCI.2.2021 li titratta fuq finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill li huwa nteressat għandu japplika permezz ta' l-applikazzjoni fejn l-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-Kunsill Reġjonali rispettiv sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 24 ta' April 2021. Wara diskussjoni il-membri qablu li jew issir librerija viżwali, panel diġitali bin-numri t'emerġenza, canopy jew *drip irrigation*.

Wara diskussjoni s-Sindku nforma lill-membri li kien ser jiddiskuti mal-Perit tal-Kunsill.

**30.5.12** Is-Sindku nforma lill-membri li l-footage ta'CCTV camera li hemm in-naħa tal-Palazz l-Aħmar mhux qed tgħati l-viżwal kollu u għaldaqstant mhux qed jinqabad minn qed imur jitfa' l-iskart. F'dan ir-rigward ġie suġġerit sabiex titwaħħal CCTV camera fuq in-naħa l-oħra ta' fejn hemm dik preżenti.

Il-Membri qablu unanimament.

**30.5.13** Is-Sindku għamel referenza għall-iskema oħra *Spinning Photos* sabiex il-Kunsill jagħżel knejjes, kappelli jew xi post storiku li jkun tistà tidher b'mod virtwali permezz tà apparat elettroniku fuq sit http://regjuncentru360.com/ u ser tkun inkorporata fuq il-websajt uffiċċjali tal-Kunsilli Reġjonali Ċentru.

Wara diskussjoni l-membri qablu li din tista' ssir fil-Knisja l-Qadima jew fil-Kappella tal-Qalb ta' Ġesu jew fil-Konservatorju ta' Vincenzo Bugeja.

**30.5.14** Is-Sindku informa lill-membri sabiex issir analiżi ta' dawk l-Ghaqdiet f'Santa Venera li kienu interessati sabiex japplikaw ghall-iskema Finanzjarja 8/2020 – Għajnuna Għall-Għaqdiet fil-Lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru. Is-Sindku rrimarka li b'kollox il-kunsill irċieva mingħand 5 għaqdiet:

1. Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju - jixtru fridge / freezer €1,099
2. Santa Venera Lightnings - jixtru kits tal-futbol €4,624
3. Parroċċa Santa Venera - issir embellishment €4,100
4. Soċjeta Filarmonika Santa Venera - jixtru a/c għall-ufficini l-ġodda tas-sede €1,200
5. Kumitat Festi Esterni - jixtru laptop €1,500

Is-Sindku qal li minħabba konflitt t'interess hu ma kienx ser jipparteċipa f'din l-analizi u kienx ser jivvota fuq id-decizjoni li kienet ser tittieħed. Is-Sur Joe Vella u s-Sur Kursten Dimech għamlu l-istess minħabba konflitt t'interess.

Wara diskussjoni u analiżi li saret bejn is-Sur Silvio Vella u Dott Carabott qablu b'mod unanimu li l-€2,000 li kienu ser jingħataw jinqasmu bejn żewġ Għaqdiet u b'hekk jieħdu €1,000 kull għaqda. Huma qablu li b'referenza għall-kwotazzjonijiet l-aktar żewġ

Għaqdiet li kienu qrib l-ammont ta' €1,000 kienu dawk tal-Għaqda tan-Nar u tas-Soċjeta Filarmonika Santa Venera u għaldaqstant intgħażlu dawn iż-żewġ Għaqdiet.

Il-laqgħa ma setgħatx titkompla minħabba li il-ħin stipulat fil-ligi tal-Kunsill Lokali kien skada (09:30pm) u għaldaqstant l-istess Aġenda ser titkompla t-Tnejn 1 ta' Marzu 2021, fis-6.30pm.

Stephen Sultana — Michael Mifsud
Sindku — Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 29 ta' Marzu, 2021